MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

| | |
|---|---|
| Referenza: | Minuti tas-Seduta 23/K6/2010 |
| Data: | It-Tlieta, 14 ta' Dicembru 2010 |
| Post: | Ufficcju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 17.30 pm |

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sindku : | Sur Clifton Grima |
| | Il-Vici Sindku: | Sinjorina Margaret Baldacchino |
| | Il-Kunsilliera: | Sur Emanuel Abela<br>Sur Emanuel Brincat<br>Dott. Carmelo Grima<br>Sur Matthew Agius<br>Sur Charles Selvaggi |
| | Is-Segretarju Ezekuttiv: | Sur Matthew Dimech |

AGENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviz li ġie ppublikat nhar it-Tlieta, 7 ta'Dicembru 2010. L-Aġenda kienet taqra hekk:

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 22/K6/2010.
2. Materji mill-Minuti.
3. Korrispondenza.
4. Minuti mill-Kumitat Amministrattiv Swatar
5. Approvazzjoni tal-Rapport Amministrattiv Annwali 2010.
6. Belt Kapitali Kulturali.
7. Approvazjoni tal-pagamenti tal-kontijiet
8. Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitat u Sotto-Kumitati.
9. Affarijiet oħra jekk urġenti.
10. Aġġornament.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Seduta Nru 23/K6/2010

Punt 1 Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 22/K6/2010

874. M Agius qal li l-kelma 'koretti' f'minuta 822, għanda issir 'koerenti'.

875. C Selvaggi qal li l-kliem '…s-Sindku iddiriġieħ' f'minuta 829 għandu isir '…s-Sindku taħ l-impressjoni'.

876. C Selvaggi qal li l-ewwel sentenza ta' minuta 838 għanda tiġi taqra 'Dwar minuta 814, C Selvaggi saqsa jekk kienx hemm xi progress, peress illi huwa kien preżenti biex jattendi għall-laqgħa, liema laqgħa damet ma bdiet u għaldaqstant ma setgħax jibqa jistenna.'

877. Dott. Grima qal li l-kliem fil-bidu ta' minuta 847 għandu jiġi 'Il-Kummisjoni li kienet maħtura mill-Kunsill qalet li wara laqgħat…'

878. M Agius qal li l-aħħar sentenza ta' minuta 855 għanda tiġi taqra 'Dott. Grima qal li mhux ħa japprova, għax skond hu l-approvazjoni ma kienetx saret skond il-liġi. M Agius qal li fil-Kumitat tas-sena ta' qabel issemiet is-somma ta' €1100, inkluż il-palk u *sound*, iżda ma kienx hemm qbil fuq dan l-ammont li jintefaq'.

879. C Selvaggi qal li l-bidu ta' minuta 859, għandu jiġi 'C Selvaggi ukoll ikonkorra u qal li din materja…'

880. Dwar minuta 867, Dr. Grima qal li l-minuta għanda tgħid 'C Selvaggi qal ukoll li hemm bżonn *patching* fil-ġenb tal-*Junior College*'.

881. Dwar minuta 862, E Abela qal li din għanda tgħid ' E Abela qal li jekk bħal ma jiġri s-soltu…'

882. Dwar minuta 869, M Baldacchino qalet li l-kliem '…viċin fejn toqgħod il-Viċi-Sindku' għandu jitneħħa mil-minuta.

883. Is-Sindku ressaq il-minuti 22/K6/2010 għall-approvazjoni. Dott. Grima issekonda. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Punt 2 Materji mill-Minuti

884. E Brincat saqsa kienx hemm progress fuq minuta 825 dwar il-permess ta' *traffic management* fi Triq Victor Denaro. Is-Segretarju qal li l-Perit għadu ma applikax kompletament mal-MEPA, peress illi qed jistenna li l-pjanta tiġi ttimbrata min uffiċjal ta' Transport Malta biex tidher li hija approvata.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

885. E Brincat saqsa kienx hemm progress fuq id-divoluzjoni tal-iskola Mater Dei msemmija f'minuta 826. M Agius qal li għadu bla risposta. E Brincat propona li ssir laqgħa fuq l-materja. Il-Kunsill qabel.

886. Dwar minuta 827, fejn issemmew l-aċċidenti fis-*central strip* ta' Rue D'Argens, E Brincat qal li saru xogħlijiet mil-KOPTASIN. Xorta waħda, il-Kunsill għadu qed jistenna l-pjanta ta' kif tista tiġi rranġata, jekk hemm bżonn, s-*central strip* mingħand il-Perit.

887. C Selvaggi qal li dwar minuta 829 l-Kunsill baqa' ma ħax deċizjoni. Il-Kunsill qabel li jieħu parir legali dwar il-materja.

888. Dott. Grima saqsa sarux it-tabelli msemmija f'minuta 836. Is-Segretarju wieġeb fil-pożittiv.

889. Dwar minuta 834, fejn issemmew l-fondi dwar attivitajiet sportivi, C Selvaggi saqsa għala kellhom jiġu mitluba l-fondi qabel? Is-Segretarju qal li kieku l-applikazjonijiet ġew *monitored*, stajna nkunu nafu l-impatt fuq il-finanzi qabel, u stajna nitolbu l-fondi żejda min qabel.

890. E Abela saqsa kienx hemm progress fuq minuta 830. Il-Viċi-Sindku qalet li ħareġ fil-publiku t-tender għas-servizz ta' gwardjani lokali.

891. Dwar minuta 837(b), Dott. Grima saqsa sarx il-protest ġudizjarju. Is-Segretarju qal li għadu ma sarx, imma l-avukat diġa infurmat.

892. Dwar minuta 841, is-Sindku qal li r-rapporti kwazi lesti u issa daqt jintbgħatu lill-Ministri konċernati. Il-Kunsill qabel li niktbu illi sal-24 ta' Jannar 2011, ikunu saru x-xogħlijiet meħtieġa. M Agius qal li huwa kiteb e-mail biex jiġi nfurmat dwar id-dewmien li hemm min naħa tal-Enemalta. M Agius qal li ma ingħatax l-informazjoni li talab u għaldaqstant ma jistax jgħamel ix-xogħol tal-Kumitat tiegħu. Is-Sindku qal li ma ridniex naqbżu lill-Ministri bl-ittra li ser tintbgħatilom. Il-Kunsill qabel li tingħata l-informazjoni kollha lill-M Agius ħalli jkun jista jiproċedi.

893. Dwar minuta 857, is-Sindku qal li ikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu bħala Sindku u li għaldaqstant qed jinforma lill-Kunsill li se jibqa iservi ta' Sindku. Dott. Grima saqsa li dan avolja il-Kunsill sabek li mhux tkun korett fit-tmexxija tiegħek? Is-Sindku qal li t-tweġiba diġa tagħha. E Brincat qal li ma hux sew li fil-*media* qed jiġi implikat huwa ukoll fil-materja, għax wara kollox hu kien astjena mil-vot.

894. Dwar minuta 859, is-Sindku preżenta dikjarazjoni min sid il-garaxx li turi li r-rampa quddiem il-garaxx fi Triq Censu Farrugia ma saritx bl-approvazjoni

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

tiegħu. Is-Segretarju spjega li kellmuh il-Pulizija dwar il-każ, fejn dawn għandhom rapport fuq il-materja u qed jiproċedu.

894. E Abela qal li l-ikla ta' żmien il-Milied għall-anzjani ser issir nhar il-21 ta' Diċembru 2010.

895. Il-laqgħa ġiet sospiża. Ħin: 18.55

896. Il-laqgħa kompliet. Ħin: 18.59

897. Dwar minuta 865, M Baldacchino qalet li s-Sibt li ġej ser issir l-attivita għat-tfal ta' ġurnata ġewwa l-gżira ta' Għawdex.

## Punt 3 Korrispondenza

898. 1852 – Is-Segretarju informa lill-Kunsilliera illi s-Sotto-Kumitat għal Persuni bi Bżonnijiet Speċjali ser jorganizza l-attivita tas-soltu għal żmien il-Milied nhar it-Tnejn 27 ta' Diċembru fis-6.30pm ġewwa iċ-Ċentru tal-Paroċċa.

899. 1843 – Is-Segretarju spjega li wara li l-Kunsill kien talab lid-Dipartiment tal-Artijiet kjarifikia dwar it-titlu tal-art fi Triq Censu Farrugia, dawn wieġbu illi l-art għada propjeta privata. Il-Kunsill qabel li jinforma lir-residenti tat-triq b'dan l-iżvilupp.

900. 1799 – Is-Segretarju spjega li wara li d-divoluzjoni tal-ġibjun kienet tpoġġiet 'on hold' mil-MRRA, dawn bgħatu lid-Dipartiment illi huma lesti li jgħadduħ lill-Kunsill. Ovjament, hekk kif titlob il-proċedura, d-dipartiment qed isaqsi lill-Kunsill biex jgħaddi pjanti u permessi tal-MEPA għall-iżvilupp taċ-Ċentru Sportiv hekk kif kien intalab. Is-Segretarju irrimarka li la darba dan kien 'on hold', il-Kunsill ma kienx mexxa bil-permessi tal-MEPA, u għaldaqstant informa lid-Dipartiment dwar dan kollhu u biex iżommu il-materja 'on hold'. Il-Kunsill qabel.

901. 1807 – Is-Segretarju u Dott. Grima tkellmu dwar it-twaqqif tal-għaqda ġdida tas-sajjieda ġewwa l-Imsida. Issemma l-bżonn li ssir bye-law bħal dik li għamel il-Kunsill ta' San Ġiljan. Issemma ukoll il-bżonn li ssir tabella fuq l-iskali biex is-sajjieda jieħdu ħsieb l-ambjent u jżommu l-ordni u tank biex jintefa ż-żejt fih.

## Punt 4 Minuti mill-Kumitat Amministrattiv Swatar

902. Ic-*Chairperson* iddiskutiet materji li qamu dan l-aħħar fil-Kumitat, fejn saqsiet dwar ir-*resurfacing* ta' Triq il-Ġostra. Is-Segretarju ikkonferma illi dan ix-xogħol jidher li ser isir fix-xhur li ġejjin min Transport Malta peress illi hemm il-permess *online*.



UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Punt 5 Approvazzjoni tal-Rapport Amministrattiv Annwali 2010

903. Is-Segretarju ta' kopja tar-rapport amministrattiv lil kull Kunsillier. Is-Segretarju spjega ir-rapport.

904. Il-Kunsill approva r-rapport amministrattiv annwali għas-sena 2010.

905. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-lokalita ssir nhar il-Ġimgħa 21 ta' Jannar fis-18.00.

Punt 6 Belt Kapitali Kulturali

906. M Baldacchino spjegat illi Malta ser taplika sabiex fis-sena 2018 tidħol għal possibilta' li tkun il-Blet Kapitali Ewropeja. Għaldaqstant, saret laqgħa mal-Kunsilli Lokali kollha sabiex dawn ikunu parteċipi f'din l-inizjattiva. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa.

Punt 7 Approvazjoni tal-pagamenti tal-kontijiet

907. Is-Sindku ressaq il-lista tal-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazjoni. M Baldacchino ssekondat. Il-lista ġiet iffirmata mis-Sindku, M Baldacchino u s-Segretarju Eżekuttiv.

Punt 8 Approvazjoni tal-minuti mill-Kumitati u Sotto-Kumitati

908. Kumitat Offerti Publiċi – Is-Segretarju spjega li t-tenders għal ġbir ta' skart mħallat qegħdin fil-publiku hekk kif ukoll tenders għal manutenzjoni ta' toroq u bankini.

909. Sotto-Kumitat għall-Isport – Is-Sindku propona li l-Kunsill jorganizza 'One Day Christmas Football Tournament' nhar it-28 ta' DIcembru 2010. L-ispiża għal dan it-*tournament* ma taqbiżx il-€350. Il-Kunsill qabel.

910. Sotto-Kumitat għall-Immaniġjar tat-Traffiku – E Brincat qal li baqa isir *refreshing* tas-sinjali tat-trafiku madwar l-Imsida, hekk kif ukoll preżenta pjanta sabiex tiġi modifikata l-bankina quddiem il-Kunsill Lokali. Il-Kunsill qabel li x-xogħol ta' manutenzjoni fuq din il-bankina isir.

Punt 9 Affarijiet oħra jekk urġenti

911. Is-Sindku preżenta ittri mill-istaff tal-Kunsill biex jiġġedded il-*vacation leave* għas-sena 2011. Il-Kunsill qabel.

912. Il-Kunsill qabel li l-ikla tal-Milied bejn il-Kunsilliera issir skond il-budget impost mid-Dipartiment, u li ssir fil-'Park Hotel' Sliema, nhar it-2 ta' Jannar 2011.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

913. M Baldacchino ressqet biex jingħata ringrazzjament lin-*nurse* li laqmet lill-anzjani fl-attivita' tal-fluwenza, u biex tinżabar siġra fi Triq San Lwiġi.

914. M Agius qal li għanda tinżebaħ 'Dead Slow' fejn l-Universita.

915. Dott. Grima fakkar li l-Kunsill kien approva li ssir manutenzjoni fil-latrina tal-irġiel. Is-Segretarju qal li diġa ftihem biex isir ix-xogħol fil-bidu ta' 2011.

916. C Selvaggi qal li l-każ tal-art tal-Universita li tinfed min triq l-Universita (fejn hemm il-grada) intrebaħ mill-Universita. Issa il-Kunsill jista jaħdem biex l-art tkun tista terġa tintuza għall-parkeġġ.

Punt 10 Aġġornament

917. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss ssir nhar il-25 ta' Jannar 2011 fil-5.30pm.

Approvati llum ______________________________

Dott. Clifton Grima
Sindku

Matthew Dimech
Segretarju Ezekuttiv

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com